MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 320/2004

**John Borg ezercitanti l-kummerc taht l-isem 'Karenne Hotel'**

**Vs**

**Satours international Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Frar 2004 fejn l-attur talab sabiex is-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm1407 (elf erbgha mija u seba` Liri Maltin) rapprezentanti prezz ta' akkomodazzjoni rizervati mis-socjeta` konvenuta fil-lukanda Karenne.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-attur qed jitlob is-somma ta' elf erba` mija u seba` Liri Maltin (Lm1407) rapprezentanti prezz ta' akkomodazzjoni

rizervati mis-socjeta` konvenuta ghall-klijenti taghha fil-lukanda Karenne propjeta` ta' l-attur.

Nonostante illi giet interpellata thallas anke permezz ta' ittra legali datata 3 ta' Settembru 2003 (Dok JB2), is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

L-attur qed jitlob ukoll l-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi ndikati fuq il-prospett ezibit ma' dan l-avviz bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talbiet attrici mhumiex fondati fil-fatt u fid-dritt stante illi skond il-ftehim bejn il-partijiet l-ammont mitlub kellu jigi pacut ma' l-ammont dovut lis-socjeta` konvenuta mill-attur, kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-tratazzjoni tal-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

In vista tal-eccezzjoni tat-tpacija l-oneru tal-prova gie invertit fuq is-socjeta konvenuta.

Illi s-socjeta` konvenuta naqset li tipprova l-istess eccezzjoni.

Fin-nuqqas ta' provi, kif ukoll dwar in-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-ammont mitlub, it-talbiet attrici jisthoqqilhom li jigu akkolti.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf erba mija u seba Liri Maltin (Lm1407) bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------